Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

*Drogi 9/00*

*Pulizija*

*Supt. Nicholas Ciappara*

*v*

*Jason Xuereb*

Illum 18 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

*Akkuzi*

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' Pussess Illegali tad-droga eroina aggravat bl-intenzjoni, kif ukoll Pussess Illegali (semplici) ta' medicini specifikati u psikotropici - rifferribbilment ghad-data tat-8 ta' Jannar 1998.

*Kwadru tal-fatti*

Illi fit-8 ta' Jannar 98, il-pulizija fuq informazzjoni anonima li certu persuna indikata kienet qeda tabbuza mid-droga fir-residenza tieghu, marret fil-post indikat u hemm rat lil din il-persuna, flimkien ma zaghzugh, kienu ghadhom kemm hargu mill-appartament taghhom. Il-pulizija intervjeniet u arrestat lill dan iz-zewg persunai.

Illi meta sussegwentement dahhlet fil-post indikat sabiex tghamel tficcija ghal xi sustanzi illegali, sabet lill-imputat fil-kcina bilqieghda ma mejda wiccu l-isfel. Ma genbu kien hemm oggetti relatati mal-abbuz tad-droga bil-konsum, qartas kontenenti droga eroina f' ammont nett totali ta' 0.032 grammi, zewg foils mahruqin bit-tracci tad-droga eroina fuqhom. Fuq il-persuna tieghu kellu s-somma ta' LM170. Minn tficcija li saret fir-residenza tal-istess imputat il-pulizija sabet diversi pilloli li rrizultaw li ma kienux kontrollati bil-ligi, hlief ghaz-zewg pilloli *Diazapem* li nstabu ghand l-imputat illegalment.

_Konsiderazzjonijiet tal-Qorti_

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta ampjament li l-qartas in kwistjoni kien tal-imputat. Fl-istqarrija tieghu lill-pulizija l-imputat ammetta li dak il-qartas kien gabu mieghu minn Hal Qormi. L-imputat spjega ukoll li huwa kien jghix ma' missieru u ta spjegazzjoni verosimili tal-flus li kellu fuqu.

*Illi in vena legali, il-Qorti tirrileva li s-sejbien ta' htija ma tista' qatt tkun bazata fuq suspetti u kongetturi, izda trid tirrizulta minn provi konkreti u univoci li necessarjament jwasslu ghall-htija tal-imputat.*

F'dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx provi sufficjenti sabiex jigi stabbilit li l-qartas li kellu fuqu l-imputat ma kienx intiz ghal uzu esklusiv tieghu, anzi l-provi juru li l-imputat huwa dependenti fuq id-droga u l-probabilita' hija li dak il-pakkett kien ghal uzu personali tieghu.

_Konkluzjoni_

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel akkuza treggi limitatament ghar-reat ta' Pussess Illegali (semplici) tad-droga eroina u taz-zewg pilloli fuq indikati. Il-kumplament tal-akkuzi ma jissussistux.

_Piena_

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali netta tal-imputat, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat that is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghal perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi limitatament ghall-Pussess Illegali (semplici) tal-imsemmija sustanza u pilloli ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39 u tar-Regolament 5 (1) AL. 22/85;  izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-*istess imputat that is*-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Carmen Nygard ghal zmien sentejn  bl-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmi provvediment.

Ma ssibx lill-imputat hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

Dr.Noel Cuschieri
Magistrat